# Emanuele Buhagiar (1876-1962)



Emanuele Buhagiar

Kull min iżur il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina, ma jonqosx li jitfa' ħarstu fuq l-istatwa tal-Madonna bi tlett itfal quddiemha. Dawn il-figuri huma mqiegħda fuq pedestall artisitku l-ġmiel tiegħu, u kif wieħed ma jistax ma jindunax bl-istatwa tal-Madonna, daqstant ieħor huwa diffiċli li l-preġju ta' dan il-pedestall ma jkunx apprezzat, kemm għall-kobor tiegħu, kif ukoll għall-ġmiel ta' xogħol li fih.

Il-pedestall tal-vara tal-Madonna tad-Duttrina huwa xogħol ta' l-artist, disinjatur u skultur, Emanuele Buhagiar. Bosta jassoċjaw lil Buhagiar mar-raħal tagħna għax hu kien jgħix u jaħdem fl-inħawi ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, iżda kien fil-Birgu li huwa twieled nhar is-16 ta' Diċembru 1876.

Manwel Buhagiar kien iben Giuseppe u Carmela, imwielda Zahra. Missieru kien *chargeman* tal-mastrudaxxi fit-Tarzna u kollox jindika li mingħandu Manwel wiret l-imħabba għax-xogħol fl-injam. Huwa tħarreġ fid-disinn għand mgħallmin bħall-aħwa Aristide u Giuseppe Bonnici u Antonio Galdes, kif ukoll mingħand il-pitturi Salvatore Barbara u Lazzaro Pisani. Fejn jidħol l-interzjar fl-injam huwa tgħallem għand Emanuele Decelis, li fi żmienu kien wieħed mill-aħjar għalliema f'dan il-mestier.Meta kellu 21 sena Emanuele Buhagiar fetaħ il-ħanut tax-xogħol tiegħu fil-Birgu u fl-istess żmien iżżewweġ lil Ersilia Calì, neputija tal-pittur magħruf Giuseppe Calì.



*Il-pedestall tal-vara tal-Madonna tad-Duttrina qabel ma kien indurat.*

ikompli f'paġna 27

*ikompli minn paġna 25*

Kien fis-snin għoxrin li fil-knejjes Maltin bdew isiru bosta opri ta' l-arti ġodda, fosthom diversi bradelli għall-vari li kienu jinħarġu fil-purċissjonijiet. Buhagiar wettaq bosta minn dawn ix-xogħlijiet u fost dawk li gawdew mill-ħila tiegħu, kien hemm il-Fratellanza tagħna. Fil-fatt fl-1923 huwa ħadem il-pedestall tal-vara tal-Madonna tad-Duttrina u f'idejh tħalla x-xogħol kollu tad-disinn, il-karpinterija u l-iskultura. Imbagħad għaxar snin wara huwa kkumplimenta x-xogħol li kien diġà għamel meta ddisinja u ħadem il-bradella ta' taħt il-pedestall, jiġifieri dik il-parti li magħha jeħlu l-lasti ta' l-irfigħ waqt il-purċissjoni. Ta' min isemmi li meta fi snin disgħin ġie biex jinħadem bankun ġdid għal din il-vara, ingħatat l-attenzjoni kollha biex id-disinn tiegħu ikun jaqbel max-xogħol li kien għamel Emanuele Buhagiar aktar minn sittin sena qabel u b'hekk ix-xogħol ta' dan l-imgħallem ma jitlef xejn mill-preġju tiegħu.



*It-terħa tar-rakkmu li tintrama fuq l-artal tal-Madonna tad-Duttrina. Din saret fl-1927 fuq disinn ta' Manwel Buhagiar.*

Minbarra l-pedestall u l-bradella tal-vara, il-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina għandha wkoll xi xogħlijiet tar-rakkmu li saru fuq disinn ta' dan l-artist. Dawn huma r-rakkmu li hemm fuq it-terħa tal-bellus li tintrama fuq l-artal tal-Madonna tad-Duttrina, u r-rakkmu li hemm fuq l-istendard tal-fratellanza. It-terħa saret fl-1927, filwaqt li l-istendard iżżanżan fl-1952, anke jekk id-disinn kien ilu lest mill-1950. Fil-jiem tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina, dawn l-opri artistiċi għadhom jinħarġu fil-knisja parrokkjali sal-lum, u l-fratellanza tagħmel l-almu kollu tagħha biex dawn jibqgħu fl-aħjar kundizzjoni kemm minħabba l-preġju tagħhom, kif ukoll b'rispett lejn il-memorja ta' dan l-imgħallem kbir li tant ħadem għar-raħal tagħna.

Fil-fatt f'Ħal Tarxien ma kinetx biss il-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina li gawdiet mix-xogħlijiet ta' dan l-artist, tant li għall-knisja parrokkjali tagħna Emanuele Buhagiar iddisinja wkoll il-ventartal tal-fidda li jintrama ma' l-artal maġġur, is-sopraporta li hemm fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieb tan-nofs tal-knisja, l-ostensorju u s-salib tal-Via Sagra – kollha opri artistiċi ta' preġju kbir u li wieħed jista' japprezza fil-jiem tal-festa titulari tagħna.

Emanuele Buhagiar miet fis-27 ta' Frar 1962 fl-età ta' 82 sena. Huwa jinsab midfun fiċ-ċimterju ta' l-Addolorata, iżda sal-lum għadu ħaj fix-xogħol li wettaq. Bħala Tarxiniżi għandna tabilħaqq għalfejn inkunu kburin li fil-parroċċa tagħna għandna parti sostanzjali mill-kullanza ta' xogħlijiet li l-imgħallem Buhagiar ħadem għal bosta knejjes f'Malta u Għawdex.•

Karmenu Massa
*Segretarju tal-Fratellanza*

Referenzi:

Buhagiar, Mario *Manuel Buhagiar – A Master of Wood Inlaying*, The Sunday Times, 03.03.1985

Sagona, Mark *Fortieth Anniversary of the Death of Emanuele Buhagiar – Designer and Sculptor*, The Sunday Times, 24.02.2002